# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2025/2579

## tal-15 ta' Diċembru 2025

## li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2020/1639 li tistabbilixxi kondizzjonijiet ġenerali li skonthom Stati terzi jkunu jistgħu b'mod eċċezzjonali jiġu mistiedna biex jipparteċipaw fi proġetti individwali tal-PESCO

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 46(6) tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2017/2315 tal-11 ta' Diċembru 2017 li tistabbilixxi kooperazzjoni strutturata permanenti (PESCO) u li tiddetermina l-lista ta' Stati Membri parteċipanti ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 4(2), punt (g), tagħha,

Wara li kkunsidra l-proposta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fil-5 ta' Novembru 2020, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2020/1639 ([2]) li tistabbilixxi kondizzjonijiet ġenerali li skonthom Stati terzi jkunu jistgħu b'mod eċċezzjonali jiġu mistiedna biex jipparteċipaw fi proġetti individwali tal-PESCO.

(2) L-Artikolu 7(2)(a) ta' dik id-Deċiżjoni jipprevedi li l-entitajiet jistgħu jkunu involuti biss fl-implimentazzjoni ta' proġetti tal-PESCO wara l-31 ta' Diċembru 2025 abbażi ta' kuntratti konklużi jew proċeduri ta' akkwist imnedija qabel dik id-data.

(3) Fl-interess tal-implimentazzjoni kontinwa tal-proġetti tal-PESCO, huwa meħtieġ li dawk id-dispożizzjonijiet jiġu emendati sabiex l-entitajiet ikunu jistgħu jiġu involuti fl-implimentazzjoni tal-proġetti tal-PESCO sal-31 ta' Diċembru 2030,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Fl-Artikolu 7(2) tad-Deċiżjoni (PESK) 2020/1639, punt (a) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(a) l-entitajiet jistgħu jkunu involuti fl-implimentazzjoni ta' proġetti tal-PESCO wara l-31 ta' Diċembru 2030 biss abbażi ta' kuntratti konklużi jew proċeduri ta' akkwist imnedija sa dik id-data."

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, il-15 ta' Diċembru 2025.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

K. KALLAS

---

([1]) ĠU L 331, 14.12.2017, p. 57, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2017/2315/oj.

([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2020/1639 tal-5 ta' Novembru 2020 li tistabbilixxi kondizzjonijiet ġenerali li skonthom Stati terzi jkunu jistgħu b'mod eċċezzjonali jiġu mistiedna biex jipparteċipaw fi proġetti individwali tal-PESCO (ĠU L 371, 6.11.2020, p. 3, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2020/1639/oj).